REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2016

tas-17 ta' Novembru 2016

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi aċetamiprid, l-aċidu benżojku, flażasulfuron, mekoprop-P, mepanipirim, meżosulfuron, propineb, propossikarbażon, propiżammid, propikonażol, ir-razza pseudomonas chlororaphis: MA 342, piraklostrobina, kwinossifen, tijakloprid, tiram, żiram, żossamidu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([2]) tistabbilixxi s-sustanzi attivi meqjusin bħala li ġew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(2) Il-perjodi tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi l-aċidu benżojku, flażasulfuron, mekoprop-P, meżosulfuron, propineb, propossikarbażon, propiżammid, propikonażol, piraklostrobin u żossammid ġew derogati bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 823/2012 ([3]). L-approvazzjoni ta' dawk is-sustanzi se tiskadi fil-31 ta' Jannar 2017.

(3) Il-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi aċetamiprid, mepanipirim, ir-razza *pseudomonas chlororaphis*: MA 342, kwinossifen, tijakloprid, tiram u żiram ġew estiżi permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1197/2012 ([4]). L-approvazzjoni ta' dawk is-sustanzi se tiskadi fil-30 ta' April 2017.

(4) L-applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' dawk is-sustanzi ġew ippreżentati f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 ([5]).

(5) Minħabba l-fatt li l-valutazzjoni tas-sustanzi ma laħqitx saret fil-ħin għal raġunijiet li ma kinux fil-kontroll tal-applikanti, l-approvazzjonijiet ta' dawk is-sustanzi attivi x'aktarx li se jiskadu qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar it-tiġdid tagħhom. Għalhekk tinħtieġ estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tagħhom.

(6) Fid-dawl tal-għan tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, f'każijiet meta l-Kummissjoni tadotta Regolament li jistipula li l-approvazzjoni ta' sustanza attiva msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament ma tiġġeddidx minħabba li l-kriterji għall-approvazzjoni mhumiex sodisfatti, il-Kummissjoni tistabbilixxi d-data ta' skadenza fl-istess data bħal ta' qabel dan ir-Regolament, jew fid-data tad-dħul fis-seħħ

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 823/2012 tal-14 ta' Settembru 2012 li jagħti deroga mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tad-dati tal-iskadenza tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi 2,4-DB, l-aċidu benżojku, il-beta-ċiflutrin, l-etil tal-karfentrażon, ir-razza *Coniothyrium minitans* CON/M/91-08 (DSM 9660), iċ-ċjażofammid, iċ-ċiflutrin, id-deltametrina, id-dimetenammid-P, l-etofumesat, l-etossisulfuron, il-fenamidon, il-flażasulfuron, il-flufenaket, il-flurtamon, il-foramsulfuron, il-fostijażat, l-imażamoks, l-iodosulfuron, l-iprodion, l-isossaflutol, il-linuron, l-idrażidu malejku, il-mekoprop, il-mekoprop-P, il-meżosulfuron, il-meżotrion, l-ossadiarġil, l-ossasulfron, il-pendimetalina, il-pikossistrobin, il-piraklostrobin, il-propikonażol, il-propineb, il-propossikarbażon, il-propiżammid, is-siltofamu, it-triflossistrobin, il-warfarin u ż-żossammid (ĠU L 250, 15.9.2012, p. 13).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1197/2012 tat-13 ta' Diċembru 2012 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi aċetamiprid, alfa-ċipermetrin, ir-Razza *Ampelomyces quisqualis*: AQ 10, benalassil, bifenażat, bromossinil, klorprofam, desmedifam, etossażol, ir-Razza *Gliocladium catenulatum*: J1446, imazosulfuron, laminarin, mepanipyrim, methoxyfenozide, milbemectin, phenmedipham, ir-Razza *Pseudomonas chlororaphis*: MA 342, kwinossifen, S-metolaklor, tepralossidim, tijakloprid, tiram u żiram (ĠU L 342, 14.12.2012, p. 27).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 252, 19.9.2012, p. 26).

tar-Regolament, sakemm ma tiġġeddidx l-approvazzjoni tas-sustanza attiva, skont liema data tiġi l-aħħar. Fir-rigward ta' każijiet fejn il-Kummissjoni se tadotta Regolament li jistipula t-tiġdid ta' sustanza attiva msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni se tagħmel ħilitha biex tistabbilixxi, kif xieraq u skont iċ-ċirkostanzi, l-aktar data ta' applikazzjoni kmieni possibbli.

(7) Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 għandu jiġi emendat skont dan.

(8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 hija emendata skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Novembru 2016.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 hija emendata kif ġej:

(1) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 54, Propineb, id-data tinbidel bid-data "31 ta' Jannar 2018";

(2) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 55, Propiżammid, id-data tinbidel bid-data "31 ta' Jannar 2018";

(3) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 57, Mekoprop-P, id-data tinbidel bid-data "31 ta' Jannar 2018";

(4) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 58, Propikonażol, id-data tinbidel bid-data "31 ta' Jannar 2018";

(5) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 73, Tiram, id-data tinbidel bid-data "30 ta' April 2018";

(6) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 74, Żiram, id-data tinbidel bid-data "30 ta' April 2018";

(7) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 75, Mežosulfuron, id-data tinbidel bid-data "31 ta' Jannar 2018";

(8) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 76, Propossikarbażon, id-data tinbidel bid-data "31 ta' Jannar 2018";

(9) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 77, Żoksamid, id-data tinbidel bid-data "31 ta' Jannar 2018";

(10) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 79, Aċidu benżojku, id-data tinbidel bid-data "31 ta' Jannar 2018";

(11) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 80, Flażasulfuron, id-data tinbidel bid-data "31 ta' Jannar 2018";

(12) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 81, Piraklostrobin, id-data tinbidel bid-data "31 ta' Jannar 2018";

(13) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 82, Kwinossifen, id-data tinbidel bid-data "30 ta' April 2018";

(14) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 89, ir-Razza Pseudomonas chlororaphis: MA 342, id-data tinbidel bid-data "30 ta' April 2018";

(15) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 90, Mepanipirim, id-data tinbidel bid-data "30 ta' April 2018";

(16) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 91, Aċetamiprid, id-data tinbidel bid-data "30 ta' April 2018";

(17) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 92, Tijakloprid, id-data tinbidel bid-data "30 ta' April 2018".